FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar, 2002**

**Numru 6**

**Avviz. numru 1423/01JR**

**Richard u Christine konjugi Pace Bonello**

**vs**

**Maltacom plc**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm295.85) bhala rimbors ta' somma indebitament mhallsa mill-atturi lis-socjeta` konvenuta fil-25 ta' Mejju, 2001 in konnessjoni man-numru tat-telephone 432600 stante illi tali somma ma kienetx dovuta mill-atturi u dana kif ser jigi ahjar ippruvat fil-kors tat-trattazzjoni;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fit-3 ta' Dicembru, 2001, u fejn intqal illi l-allegazzjoni ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm295.85) kienu dovuti mill-attur u infatti ghalhekk gew mitluba lilu mis-socjeta` Maltacom p.l.c. u konsegwentement imhallsa mill-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Richard Pace Bonello. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebitit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghar-refuzjoni ta' flus li l-attur qed jallega li hallas indebitament lis-socjeta` konvenuta.**

2. **Jirrizulta li fl-1990 l-attur, li kellu n-numru telefoniku 493174, kien wahhal sistema ta' PABX, u dan ha hsieb jaghmilha hu personalment. Sussegwentement ircieva kont minghand is-socjeta` konvenuta fejn kienu qed jitolbu li jhallas ta' l-installazzjoni. L-attur kien ikkontesta dan il-kont kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba, kif jirrizulta mill-korrispondenza esebita Dok.A u B.**

**3. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet ser taqtalghu l-linja kemm il-darba hu ma jhallasx l-ammont mitlub, tant li l-attur kien ghamel mandat ta' inhibizzjoni sabiex izomm lis-socjeta` konvenuta, dak iz-zmien il-Korporazzjoni Telemalta, milli taghmel dan.**

**4. Dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-attur ma kellux alternattiva dak iz-zmien hlief li jhallas in visa tal-fatt li tassew kien hemm il-minaccja li tinqatghalu l-linja. Inoltre ma jirrizultax li dak l-ammont li gie mhallas mill-attur kien b'xi mod dovut lis-socjeta` konvenuta, in kwantu ma kienetx hi li effettwat l-installazzjoni, izda kien l-attur stess, u ghalhekk hu gustifikat l-attur li jitlob li jigi refuz dik is-somma li thallset indebitament lis-socjeta` konvenuta.**

**5. Skond id-Dok.RPB1 esebit jirrizulta li l-ammont dovut huwa ta' mitejn hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm295.50).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fl-ammont ta' mitejn hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm295.50), it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' mitejn hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm295.50) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**